**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 27 - IT-TLIETA 18 TA' JANNAR 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm 8 membri tal-pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Wara li ntqalet it-talba kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi sospiża temporanjament sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mal-Arċipriet li xtaq jiddiskuti numru ta' punti mal-Kunsill. Il-minuti tal-laqgħa mal-Arċipriet huma annessi f'A.

1.2. Il-laqgħa mal-Arċipriet spiċċat fid-20:40pm u għalhekk il-Kunsill ipproċeda bil-laqgħa.

1.3. Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.4. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet għamlet spezzjoni fir-rigward ta' punt 5.1. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob li l-*bring in site* ta' wara l-iskola titmexxa għal wara ċ-ċimiterju fi Triq Leli Falzon sabiex toħloq inqas inkonvenjenza.

**2. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

2.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien irċieva risposta lura mingħand is-Sur Saviour Spiteri tal-Guggen Band Musik fejn, fost l-oħrajn, kien qed jgħid li l-Kunsillier Galea kien talbu biex ma jibdewx idoqqu qabel ma jispiċċaw idoqqu l-Victoria Band Club għaliex dawn tal-aħħar minflok li se jibdew fis-7pm kienu se jibdew fis-7:30pm. Il-Kunsillier Galea madanakollu ċaħad din l-istqarrija u għalhekk kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sur Spiteri dwar dan.

2.2. Is-SE informa li, dwar it-talba biex issir manutenzjoni fuq *floodlight* li hemm viċin tal-*bust* ta' Kalċidon Agius, l-istima kienet telgħet għal €2800. Huwa fakkar li dan ma kienx xogħol li sar mill-Kunsill u skont l-informazzjoni li kellu l-ħsara ġrat minħabba li x-xogħol ma kienx sar skont is-sengħa. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jagħmel ix-xogħol u għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsillier Brincat jinforma lill-familjari tas-Sur Agius.

2.3. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma' kumpanija li timporta dwal LED's mill-Ġermanja fejn hija talbitu sabiex jikkunsidra li jiġu installati sett ta' *pelican lights* fil-*junction* ta' bejn Vjal il-Labour. Dan ir-rappreżentant kien wassal din l-idea lill-kumpanija fejn deher li ntgħoġbot. Il-Kunsill ukoll qabel ma' din l-idea u għaldaqstant is-Sindku kienet se tkompli taħdem fuq din il-proposta.

2.4. Is-Sindku infurmat li se ssir Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi fejn kull Kunsill seta' jistieden sa massimu ta' 5 persuni mill-Kunsilli li kellu ġemellaġġ/ħbiberija magħhom. Din il-Konferenza se tinżamm bejn il-11 u t-12 ta' April 2011 u s-Segretarjat kien qed joffri €100 għal kull parteċipant barrani li jġib il-Kunsill. Kien hemm qbil li minħabba li l-fondi huma baxxi ħafna, il-Kunsill għandu jżomm il-€100 biex jintużaw għat-trasport u ikel ta' filgħaxija filwaqt li l-parteċipanti jintalbu jħallsu t-titjira u l-akkomodazzjoni huma stess. Kien hemm qbil li s-Sindku, il-Kunsilliera Miceli, Muscat Fenech Adami u Sciberras flimkien mas-SE għandhom jattendu għal din il-Konferenza.

2.5. Is-Sindku infurmat li kienet tkellmet ma' żviluppaturi dwar possibbiltà li jsir żvilupp fuq bażi ta' *Public Private Partnership* (PPP) fiż-żona tal-*White Rocks*, ħdejn il-*caravan site* ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Hawnhekk is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kumitat Amministrattiv ta' BIĊ għandu laqgħa fil-viċin mal-Onorevoli Jason Azzopardi fir-rigward ta' din l-art. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din iż-żona.

2.6. Is-Sindku infurmat li l-familja li kienet toqgħod fil-mitħna ta' ħdejn l-iskejjel kienet vakat il-post u għaldaqstant issa tinsab vojta. Għalkemm kien hemm qbil li din se tinvolvi ħafna flus sabiex tiġi rranġata, il-Kunsill unanimament qabel li għandu jitfa' applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din il-mitħna sabiex tintuża għal skopijiet kulturali u edukattivi. Kien hemm qbil ukoll li għandha tinħoloq fondazzjoni biex tieħu ħsieb il-wirt (*heritage*) Naxxari kif ukoll tgħin fl-amministrazzjoni tal-mitħna. Il-Kunsill qabel li bħala użu l-post jista' jintuża bħala ċentru kulturali fejn possibilment ikun hemm Mużew, wirjiet u anki jkun attrazzjoni turistika. Is-SE informa li din il-fondazzjoni għandha tkun NGO b'membri rreġistrati magħha u mhux sempliċiment kumitat sabiex ikollha s-saħħa li tapplika għal fondi taħt il-linji gwida li jkun stabbilixxa l-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2.7. Il-Kunsillier Sammut informa li riċentament kien tqassam *flyer* dwar l-attivitajiet sportivi li se jiġu organizzati mill-Kunsill fejn jidher li kien hemm interess kbir mir-residenti. Fil-fatt il-korsijiet tal-*Aerobics*, *General Fitness* u *Pilates* kienu mtlew immedjatament u saħansitra hemm *waiting list* twila għat-tliet korsijiet li huma. Min-naħa l-oħra jidher li l-KMS qed iddum biex tgħaddi l-fondi neċessarji lill-Kunsill. Għaldaqstant huwa kien ġab xi kwotazzjonijiet mingħand *instructors* differenti sabiex possibbilment dawn il-korsijiet jibdew sakemm ikun hemm il-konferma tal-fondi mingħand KMS. Infatti, flimkien mas-SE kien irnexxielu jikseb stimi ħafna aktar favorevoli u kienu €80 irħas għal kull kors. Dan ifisser li bl-attendenza mil-lista tal-applikanti li għandu l-Kunsill kull ma joħroġ il-Kunsill, f'każ li ma jaslux il-fondi mill-KMS, huwa biss €30 għal kull kors minħabba li l-parteċipanti qed jintalbu li jħallsu €10 kull wieħed u kull klassi tieħu sbatax-il parteċipant. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' DIĊEMBRU

3.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti kif ukoll lista ta' dħul ta' Diċembru. Din kien kienet approvata (annessa f'B).

3.2. Is-SE preżenta wkoll lista tal-*Purchase Orders* għal-Diċembru u l-lista tad-dħul u nfiq tal-attività Ir-Raħal fil-Milied 2010 li wkoll ġew approvati. Dawn huma annessi f'Ċ u D rispettivament. Is-SE innota li kien pożittiv ħafna li fir-rigward tal-attività ir-Raħal fil-Milied din is-sena l-Kunsill kien ħareġ inqas minn €1,000 minn ġewwa għaliex kellu dħul totali ta' madwar €13,000 meta l-ispiża kienet ta' madwar €14,000.

3.3. Is-SE informa li kien hemm ħsara fid-*decorative lamps* li jinsabu fi Vjal il-Labour u Vjal il-21 ta' Settembru fejn inġabet kwotazzjoni ta' €1600 mill-Inġinier tal-Kunsill biex jiġu rranġati. L-Inġinier kien qed jipproponi li jagħmel *demarcation box* għal kull lampa sabiex 'il quddiem wieħed ikun jaf minn fejn ġejja l-ħsara. Il-Kunsill qabel li għandu jirranġa din il-ħsara.

3.4. Is-SE informa li regolarment il-Kunsill ikollu talbiet għal tpoġġija ta' sinjali kontra l-ħmieġ tal-klieb. Dawn kienu jiswew €20 kull tabella. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jinxtraw.

3.5. Is-SE informa li l-għalliem tal-kors tas-Salsa kien qed jitlob li jingħata *discount* fir-rata ta' ħlas għall-użu tas-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jġib aktar informazzjoni u jerġa' jiddiskuti din it-talba. Sadanittant il-Kunsillier Sammut semma' li din is-sala m'għadhiex taqdi l-esiġenzi tal-Kunsill minħabba li l-ħinijiet tal-użu huma limitati filwaqt li saret kemxejn żgħira għal ċertu attivitajiet. Is-Sindku proponiet li tkellem lil Fr Michael Agius rigward l-użu tas-sala taċ-Ċentru Ħniena Divina f'San Pawl tat-Tarġa.

## 4. RAPPORT TA' ĦIDMA MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BIĊ

4.1. Is-SE informa li kien bagħat kopja tal-minuti tal-laqgħat numru 6 u 7 tal-Kumitat Amministrattiv ta' BIĊ permezz tal-*email*. Dawn kienu approvati mill-Kunsill.

4.2. Is-Sinj. Cuomo fakkret li se jkun hemm *business meeting* nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar u li kulħadd huwa mistieden.

4.3. Hija infurmat ukoll li matul il-ġimgħa li ġejja l-Kumitat kien se jiltaqa' mal-Onorevoli Ministru Pullicino.

4.4. Hija infurmat ukoll li bħalissa għaddej ftit xogħol mhux ħażin fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq u anke mill-istess Kumitat. Infurmat ukoll li għadha kif inħarġet l-ewwel offerta għal kisi ta' toroq ġewwa BIĊ.

4.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat li hemm problema bil-*playingfield* minħabba li qiegħda fi stat ħażin ħafna u l-Kumitat m'għandux flus biex jirranġahom.

## 5. L-OFFERTI TAL-KUNTRATT TAT-TINDIF

5.1. Is-SE informa li kienet saret laqgħa mal-irħas żewġ kuntratturi li tefgħu l-offerta tat-tindif, is-Sur Christian Galea u Alex Fenech rispettivament. Is-Sinj. Cuomo infurmat li jidher li l-irħas offerent mhux minnu li qatt ħadem fil-Kunsill tal-Imsida kif informa oriġinarjament. Madanakollu il-Kunsillier Gatt informa li l-kuntratt tal-Imsida kien f'idejn missier dan il-kuntrattur għalkemm l-istess kuntrattur huwa involut xorta waħda.

5.2. Is-SE ippreżenta l-*costings* kollha maħduma mis-Sur Galea.

5.3. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkostanzi jagħżel l-irħas offerent għall-prezz globali ta' €70,000 fis-sena. Huwa għandu jkun mitlub biex jibgħat id-dettalji kollha meħtieġa bħala rotot, ħaddiema eċċ biex eventwalment ir-residenti jkunu infurmati bil-ġranet li fihom isir it-tindif f'kull triq.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-*PERFORMANCE BONUS* TAL-IMPJEGATI

6.1. Is-SE informa li għalkemm il-*performance bonus* tal-impjegati kien ġie approvat waqt l-aħħar laqgħa, il-ħlasijiet ma kinux saru minħabba li wara l-laqgħa l-uffiċċju rċieva *memo* li tgħid li dawn għandhom jiġu diskussi f'Jannar 2011.

6.2. Għaldaqstant il-Kunsill reġa' kkunsidra u kkonferma din id-deċiżjoni.

## 7. RIĠENERAZZJONI F'OQSMA TAD-DJAR TAL-GVERN – MEMO 1/2011

7.1. Is-SE informa li l-Awtorità tad-Djar qed toffri għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €75,000 lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu fi proġetti ta' tisbiħ madwar il-binjiet tal-Gvern u l-Awtorità kif ukoll biex jorganizzaw programmi għar-residenti biex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali. Huwa informa li fil-każ tan-Naxxar jista' jseħħ proġett fir-rigward ta' Binja Ħamrija. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Miceli għandha titkellem ma' Fr Ray Zammit (miċ-Ċentru Pastorali Sgħajtar) sabiex possibbilment isir xi proġett soċjali u edukattiv bejn is-Sgħajtar u l-Kunsill għar-residenti ta' din il-binja.

7.2. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li bħala proġett ta' tisbiħ għandu jsir ħadid li jdawwar il-ġnien u li jkun jista' jingħalaq f'ċertu ħinijiet.

## 8. IL-BAĠIT U L-PJAN TA' TLIET SNIN

8.1. Is-SE talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jgħaddu xi ideat u suġġerimenti biex jiġu inklużi fuq il-pjan ta' tliet snin.

8.2. Il-Kunsillier Bonello talab li jiġi inkluż ir-rikostruzzjoni ta' Triq Castro minħabba s-sitwazzjoni diżastruża tagħha. Semma' wkoll il-bżonn tar-rikostruzzjoni ta' Triq V. Boron. Hawn is-Sindku talbet lis-SE biex ikellem lill-Perit biex jerġa' jaħdem fuq pjanta ġdida għal din iż-żona sabiex minflok rikostruzzjoni tiġi kostruwita pjazza. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jiflaħx jidħol għall-proġett kemm-il darba jkun inkluż ukoll il-parkeġġ taħt l-art.

8.3. Il-Kunsillier Sammut ippreżenta rapport dwar is-sitwazzjoni fil-Magħtab li fil-maġġorparti tagħha mhijiex daqstant tajba. Fuq talba tal-Kunsillier Sammut stess kien hemm qbil li huwa għandu jerġa' jiġi maħtur Kunsillier responsabbli mill-Magħtab. Ir-rapport huwa anness f'E.

8.4. Il-Kunsillier Brincat talab lill-Kunsill sabiex jagħti każ aktar tal-bankini minħabba li hawn numru konsiderevoli li għandhom bżonn ta' rikostruzzjoni. Il-Kunsilliera Sammut u Galea infurmaw li għalkemm ġew mogħtija r-responsabbiltà biex iduru l-lokalità biex jagħtu prijorità lill-bankini, sal-ġurnata għadhom ma sabux ġurnata biex jagħmlu dan.

8.5. Il-Kunsillier Brincat talab ukoll sabiex isir tisbiħ tal-pjazza tan-Naxxar, bħal tibdil ta' *bins*, tpoġġija ta' pjanti u jsiru xi xogħlijiet żgħar oħra. Is-SE talab lill-Kunsill biex ma jarmix il-proġett tal-pjazza kompletament, avolja ma ġiex approvat għall-finanzjament mill-fondi Ewropej. Dan għaliex eventwalment jistgħu jinħarġu fondi oħra permezz ta' skemi għal għanijiet simili. Il-Kunsillier Brincat talab għaldaqstant biex tinbeda konsultazzjoni mal-GRTU f'isem in-negozjanti kif ukoll mar-residenti fir-rigward. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li jsir sottokumitat dwar il-konsultazzjoni tal-Pjazza.

8.6. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li jsir *refurbishment* komplet tal-latrini fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li din għandha tingħata prijorità.

8.7. Kien hemm qbil li l-pjan ta' tliet snin għandu jkun diskuss f'laqgħa għaliha.

8.8. Hawnhekk il-Kunsillier Brincat informa li l-attivitajiet qed jieħdu preċedenza fuq xogħlijiet oħra. Hawnhekk is-Sindku qablet mal-Kunsillier Brincat u ssuġġeriet biex

matul din is-sena, minflok l-attività tal-Milied, il-Kunsill jikkunsidra li jżid aktar dwal dekorattivi madwar ir-raħal sabiex jitgawdew minn kulħadd. Hija ssuġeriet ukoll li bħala attività jkun hemm waħda dakinhar li jkun mixgħul id-dawl filwaqt li jkun hemm suq tal-Milied biex jikkumplimenta. Il-Kunsill qabel.

### 9. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

9.1. Minħabba li kien sar il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għall-Ħamis 3 ta' Frar 2011 fis-7:30pm. Il-ħin kien il-10:40pm.

## KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA – IL-ĦAMIS 3 TA' FRAR 2011

Il-Kunsill kkompla jiltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata (Imsiefra): | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

### 10. KOMUNIKAZZJONIJIET

10.1. Is-SE ġibed l-attenzjoni li, minkejja li kienet saret laqgħa mal-kuntrattur u kollox kien jindika li kienet ittieħdet deċiżjoni, il-Kunsill kien għadu ma ddeċidiex formalment fuq l-għoti tal-offerti għax-xogħlijiet tal-bankini. Il-Kunsill għalhekk iddiskuta l-offerti fejn għamel riferenza għal-laqgħa li kellu ma' Vella Group. Il-Kunsill qies li Polidano Group, li deher li kien l-irħas, ma kienx issottometta stima ta' bankina ta' qies partikolari skont ir-rati li offra, kif kien mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv. Barra minn hekk l-esperjenza li kellu l-Kunsill ma' dan il-kuntrattur fuq xogħol ieħor fi Triq il-Fortizza tal-Mosta ma kinitx tajba u għalhekk il-Kunsill għażel lil Vella Group li kienu t-tieni l-irħas.

10.2. Is-SE informa li dwar il-prezz għall-użu tas-sala għal-lezzjonijiet tas-salsa (ara 3.6 fuq) kien indaga u stabbilixxa li fil-preżent kull persuna kienet qed tintalab €5 kull lezzjoni filwaqt li kienu jattendu bejn 6-7 persuni. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jitlob ħlas ta' €23.29 kull żewġ sessjonijiet li jinżammu.

10.3. Il-Kunsillier Galea informa li kien qiegħed jaħdem fuq il-fondazzjoni fejn avviċina numru ta' persuni li kienu interessati ħafna. Il-pass li jmiss issa kien li ssir laqgħa. Is-SE fakkar li din il-fondazzjoni ma tistax tkun marbuta mal-Kunsill għalkemm idealment, fl-istatut ikollhom klawsola li fil-bord ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill.

10.4. Is-SE informa li l-kuntratt tal-knis beda minn dik il-ġimgħa stess.

10.5. Is-SE informa wkoll li kien qiegħed jipprova jirranġa biex persuna mid-Dipartiment tal-Artijiet tiġi ħalli tiftaħ il-mitħna biex wieħed ikun jaf aktar x'hemm bżonn li jsir fiha.

10.6. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li s-Sinj. Cuomo u s-SE kienu attendew laqgħa ta' informazzjoni tal-*Intelligence Energy Europe* nhar l-20 ta' Jannar.

10.7. Is-SE informa wkoll li nhar is-26 ta' Jannar hu u l-Viċi Sindku kienu ltaqgħu mal-fotografu li ngħata l-kuntratt mill-Kunsill, is-Sur Ruben Buhagiar, fl-istudju tiegħu fl-Imtarfa biex jaraw xi ritratti għall-użu tal-websajt. Huma rrappurtaw li kien qiegħed jagħmel biċċa xogħol sabiħa ħafna u professjonali.

10.8. Is-SE informa li nhar it-28 ta' Jannar kienu attendew attività ta' TCTC fejn il-Kunsill ingħata *award* fil-korsijiet *e-biz*. Bħala rikonoxximent il-Kunsill ingħata vawċer ta' €1,100 għall-organizzazzjoni ta' korsijiet ġodda *i-biz* li huma mmirati għan-negozjanti.

10.9. Fil-31 ta' Jannar is-SE kien iltaqa' mas-Sinj. Marisa Marmara mill-Grupp Azzjoni Lokali tat-Tramuntana fejn ġew diskussi proġetti applikabbli taħt il-miżura 313 minħabba li dalwaqt toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fid-dawl li l-Kunsill kien diġà applika taħt l-istess miżura fuq il-*Victoria Lines* kien hemm qbil li possibbilment il-Kunsilli Lokali kollha li minnhom jgħaddu l-*Victoria Lines* għandhom jingħaqdu biex jissottomettu applikazzjoni waħda. Il-Kunsill qabel. Sadanittant is-Sinj. Cuomo rrappurtat li kien hemm xi ħadd li arbula ammont ta' terrapien min-naħa ta' fuq tal-għolja 'l isfel fl-inħawi li jmissu mal-Għargħur. Hija se tindaga aktar u tirrapporta lura.

10.10. Fil-31 ta' Jannar ukoll is-SE iltaqa' ma' rappreżentant ta' *Reciprocal Records* fejn esebixxa ideat sbieħ ta' tifkiriet li jista' jagħmel il-Kunsill u li jistgħu anki jingħataw lil delegazzjonijiet. Dawn jinvolvu ritratti 3D u anki ritratti animati. Is-SE poġġa fuq il-mejda kampjuni ta' dan ix-xogħol.

10.11. Is-SE informa li dakinhar stess filgħodu (3/2/11) kien iltaqa' mal-avukat dwar każ legali mqajjem minn ċerta Tessa Anastasi dwar trejqa bejn Triq il-Kappella tax-Xagħra u Triq JH Newman. Is-Sinj. Anastasi qed tallega li l-Kunsill ħadilha l-art u għalhekk qed titlob kumpens. Fid-9 ta' Frar tibda l-kawża l-qorti iżda kollox jindika li m'hemmx bażi fuq xiex il-Kunsill ikun imħarrek.

10.12. Sadanittant il-Kunsill staqsa fuq l-andament tax-xogħol tal-avukat fejn is-SE informa li kien effiċjenti ħafna. Il-Kunsill qabel għalhekk li l-kawżi kollha pendenti, apparti l-każ tal-Pjazza ma' Stencil Pave, minħabba li f'dan il-każ il-Kunsill qiegħed jistenna biss is-sentenza, għandhom ikunu trasferiti lil AMJ Legal.

10.13. Is-SE informa li dakinhar ukoll kienet saret laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' BIĊ mal-Onor. George Pullicino fejn trattaw il-bżonn ta' numru ta' xogħlijiet. Fosthom issemmiet il-pjazza ta' BIĊ fejn il-Ministru wiegħed li possibbilment ix-xogħol jibda fl-aħħar ta' din is-sena.

10.14. Is-SE fakkar li l-għada, il-Ġimgħa 4 ta' Frar fl-10am, se jkun hemm il-konferenza stampa fi Ġnien Toni Vella biex ikun varat is-servizz ta' WIFI. Din kienet qed tkun organizzata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u mill-*Malta Communications Authority.* Kulħadd kien mistieden.

10.15. Il-Ġimgħa, 4 ta' Frar, fil-11am, fis-sala tal-Kunsill, kienet issejħet laqgħa għall-Kunsilli Lokali kollha dwar is-sigurtà fil-*playing fields* li kienet qed issir bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-*Malta Standard Authority.* Għal din il-laqgħa kienu se jattendu l-Viċi Sindku, is-Sinj. Cuomo u s-SE.

10.16. Is-SE informa li kien jinsab għaddej ix-xogħol fuq is-sistema tal-permessi li kien qiegħed isir b'kordinazzjoni bejn l-amministrazzjoni u l-Viċi Sindku. Il-ħsieb kien li eventwalment is-sistema tkun tista' tintuża *online* mill-pubbliku.

10.17. Is-SE informa li l-għada, il-Ġimgħa 4 ta' Frar fit-3pm, kienu jagħlqu l-offerti għax-xogħol ta' tarmak f'BIĊ u għalhekk kellu bżonn żewġ persuni biex jassistu l-ftuħ tal-offerti. Il-Kunsillieri Galea u Sammut offrew li jkunu preżenti.

10.18. Is-SE esebixxa ritratt ta' bank li kien qiegħed jiġi propost li jitwaħħal mill-familja Azzopardi fil-ġnien ta' Triq l-Imħalla. Dan skont il-ftehim li kien sar mal-Kunsill mal-familja Azzopardi. Il-Kunsill qabel mal-għażla tal-bank propost.

10.19. Is-SE informa li kien hemm diffikultà dwar l-applikazzjoni għall-iskema tal-isports għall-fatt li min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ġie kkonfermat li tista' ssir applikazzjoni mill-Kunsill u oħra separata għall-Kumitat Amministrattiv taħt l-istess kriterji applikabbli għall-Kunsilli Lokali. Madanakollu jidher li dan ma kienx sar b'konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Isports (KMS) bir-riżultat li l-Kunsill kien infurmat li għal din is-sena dan ma setax isir u l-massimu ta' fondi globali għan-Naxxar kollu ma jistax jaqbeż l-€4,000. Kien għalhekk li saru diskussjonijiet interni bejn il-Kunsillier Sammut, is-Sinj. Cuomo u s-SE fejn kien hemm qbil li l-fondi allokati għandhom jinqasmu 80:20 rispettivament. Madanakollu se jsir dak kollu possibbli biex ir-riżorsi jkunu utilizzati bl-aħjar mod ħalli jekk jista' jkun ftit li xejn innaqqsu mill-korsijiet. Se jkun żgurat ukoll li dan ma jkunx ifisser piż żejjed fuq BIĊ u għalhekk kollox se jkun kordinat flimkien.

10.20. Sadanittant il-Kunsillier Sammut inform li hu flimkien mas-SE kien waslu biex kisbu prezzjijiet favorevoli għall-*instructors* tal-*keep fit* u li dan se jkun ifisser iffrankar ta' flus. Is-Sur Sammut informa wkoll li kien wasal f'arranġament ma' Tip Top biex lil kull min japplika mal-Kunsill, jagħtih skont ta' 10% fuq prodotti relatati. Huwa informa wkoll li kien qiegħed għaddej b'ħidma biex possibilment ikunu organizzati wkoll korsijiet taż-Zumba.

10.21. Is-SE informa li hemm każ għaddej ma' persuna minn Triq l-Imraden fejn qed jallega li sar xogħol ħażin tal-bankina. Huwa rrapporta lill-Kunsill lill-Bord tal-Governanza filwaqt li l-istess Bord talab li ssir laqgħa fil-post mal-persuna flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

10.22. Is-SE informa li dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill biex tiċċaqlaq il-*Bring-in site* ta' Triq San Ġorġ kien hemm xi diffikultajiet żgħar minħabba li l-*bins* ma kienux tal-kuntrattur li qed joffri s-servizz (Green MT) iżda l-proċess kien jinsab miexi.

10.23. Is-SE informa wkoll li l-Bord ta' Ġieħ in-Naxxar kien jinsab għaddej bix-xogħol tiegħu u fil-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill ikun jista' jiġi infurmat b'aktar dettalji. Sadanittant is-SE irrapporta li hija x-xewqa tal-Bord li ssir attività speċifika għall-għoti tal-ġieħ filwaqt li xtaqu li jkollhom idea ta' żmien għal din l-attività. Il-Kunsill qabel filwaqt li bħala perijodu għandu jkun lejn tmiem Ġunju.

10.24. Is-SE informa li dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill biex jirranġa l-ħsara tad-dawl dekorattiv (ara 3.4 fuq) l-Inġinier kien infurmah li bl-istima li kien ta ma kienx se jiżgura li l-ħsarat kienu se jissolvew għaliex hemm il-wajers għaddejjin minn taħt l-art u allura ma jistgħux jiġu ċċekkjati peress li mhux għaddejjin minn pajpijiet. Huwa ta l-parir għalhekk li jinbidel kollox biex ix-xogħol ikun tajjeb żgur u garantit. Sadanittant però s-SE talbu stima għax-xogħol kollu involut u li għadu qed jistenniha. Il-Kunsillier Gatt ippropona li minflok, il-Kunsill għandu jikkunsidra *solar lighting* u b'hekk jiffranka t-trinek. F'dan ir-rigward il-Viċi Sindku fakkar li l-Kunsill ma kienx se jieħu s-somma kollha allokata għall-pannelli fotovoltajċi minħabba li ġew ħafna irħas milli kien antiċipat. Huwa għalhekk ippropona li għandha ssir talba biex jiġu utilizzati għal dan l-iskop. Kien hemm qbil li jsir tentattiv għalhekk.

10.25. Is-SE informa li din is-sena kien hemm domanda kbira minn studenti Franċiżi biex jiġu jagħmlu esperjenza ta' xogħol mal-Kunsill. Minħabba li kollha kienu għall-istess perijodu huwa ma setax jaċċetta aktar minn tnejn. Dawn se jiġu bejn Mejju u l-bidu ta' Lulju.

10.26. Is-SE informa li Mornago kienu ssottomettew applikazzjoni għal-Laqgħa bejn iċ-Ċittadini f'Mornago bejn l-10 u s-17 ta' Settembru. Huwa appella biex il-Kunsill jibda jaħseb għad-delegazzjoni li trid tkun iffurmata minn 42 persuna.

10.27. Saret talba għall-permessi u possibilment involviment tal-Kunsill fl-attivitajiet li l-i*Scouts* tan-Naxxar kienu se jorganizzaw bejn id-19 u l-20 ta' Marzu biex ifakkru l-75 sena anniversarju mit-twaqqif tal-i*Scouts* tan-Naxxar. Il-Kunsill unanimament qabel li din hija okkażjoni speċjali u unika għan-Naxxar u li kellu jinvolvi ruħu attivament. Se ssir laqgħa mad-diriġenti tal-i*Scouts* ħalli ssir il-kordinazzjoni meħtieġa.

10.28. Is-SE informa li kien issottometta applikazzjoni għall-fondi għal-librerija wara sejħa li ħarġet mid-Dipartiment.

10.29. Is-SE informa li kien beda l-proċess għall-ħruġ tal-offerti għas-servizz tal-Perit. Huwa rrapporta wkoll li kien qiegħed ikollu problemi kbar mal-Periti preżenti minħabba dewmien esaġerat biex iwettqu x-xogħol. Fost dawn kien hemm xogħol relatat mal-applikazzjoni għall-aċċessibilità li minkejja li d-Dipartiment stenna għal xhur sħaħ lill-Kunsill, ix-xogħol mill-Perit baqa' ma twettaqx.

10.30. Is-SE informa li kienet waslet talba mingħand il-Ġiżwita Patri John M. Schembri biex possibilment issir bankina fi Triq il-Markiż Scicluna qabel id-daħla tal-kunvent minħabba li biex wieħed joħroġ bil-karozza ma jkunx jista' jara u għalhekk ikollu joħroġ b'mod li jirriskja kull darba li jagħmel hekk. Il-Kunsill qabel li hemm periklu u li jekk fil-wisgħa jippermetti, il-bankina għandha ssir.

10.31. Il-Kunsillier Sammut informa li huwa u l-Kunsillier Galea kienu bdew jibnu r-rapport dwar is-sitwazzjoni tal-bankini. Is-SE talabhom biex dak li għandhom f'idejhom jgħadduhulu ħalli jekk ikun hemm xi diffikultajiet wieħed jittrattahom mill-ewwel.

10.32. Il-Kunsillier Sammut u s-SE infurmaw li fis-sala kien hemm bżonn ta' sistema sempliċi tas-*sound* li però tkun aċċettabbli għall-iskop ta' attivitajiet li jsiru fl-istess sala. Huma kienu qed jaħsbu li sistema ta' madwar €200 għandha taqdi l-ħtiġijiet bażiċi. Il-Kunsill qabel li jikkunsidraha mal-baġit.

10.33. Is-SE ressaq talba mingħand żviluppatur sabiex iħawwel 15-il siġra indiġena fil-lokalità Naxxarija bħala waħda mill-klawsoli tal-MEPA biex jinħariġlu permess tal-bini. Il-Kunsill qabel li jinxtraw siġar taż-żebbuġ u li jitħawlu f'xi wieħed mill-postijiet li kien diġà identifika xi żmien ilu.

10.34. Is-Sindku ssuġġeriet biex is-siġar tal-bakkaljaw li hemm fi Triq l-Imħalla u Triq il-Għargħur jiġu mibdula jew imlaqqma għal siġar tal-lariġ. Is-SE fakkar li s-siġar tal-lariġ għandhom bżonn ħafna kenn biex jikbru.

10.35. Il-Kunsillier Brincat informa li kien attenda għal seminar dwar proġetti tal-UE fejn kienu ġew infurmati li kien ġie deċiż li, sabiex il-Kunsilli Lokali ma jkollomx aktar il-problema li jridu joħorġu flus minn qabel ma effettivament u eventwalment jieħdu l-fondi approvati, se tibda tkun possibbli li jieħdu *bridge-loan* mill-bank. Kulħadd qabel li din tkun ta' għajnuna kbira għaliex il-Kunsill mhux dejjem ikollu flus biżżejjed biex jidħol għal proġetti simili u jħallas ammonti kbar b'mod immedjat.

10.36. Il-Kunsillier Bonello informa li kellu talba minn xi residenti biex jitpoġġew marki mal-art fuq wara tal-Knisja u mal-ġenb tagħha minħabba li fejn jiltaqgħu żewġ vetturi mhux

dejjem qed ikun hemm qbil min għandu jgħaddi. Kien hemm qbil li jintalab il-permess mingħand *Transport Malta* biex isiru marki *give way*.

10.37. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami tikkordina biex jintbagħatu żewġ flyers, wieħed biex tiġbor l-informazzjoni dwar il-*business directory* u ieħor għall-Kompetizzjoni tal-Fjuri mal-faċċati.

**11. IR-RAPPORT FINANZJARJU**

11.1. Is-SE informa lill-Kunsill li r-rapport finanzjarju għadu qed isir ix-xogħol fuqu iżda għandu jkun possibbli li fil-ġimgħa li ġejja jagħti rendikont tiegħu. Huwa ġibed l-attenzjoni li din is-sena l-Kunsill għandu €3,000 inqas fl-allokazzjoni tiegħu. Għaldaqstant huwa importanti li l-Kunsill jara kif jista' jġib fondi ulterjuri.

11.2. Hawnhekk fil-fatt huwa semma l-proposta li kien għadda lil kull Kunsillier mingħand Media Trendz Communications minħabba li dan jista' jirrendi dħul għall-Kunsill.

11.3. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami dwar il-bankina ta' Vjal il-Labour, is-SE informa li din hija responsabbiltà tat-TM. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami talbitu jgħaddilha d-dettalji sabiex tkun tista' tagħmel pressjoni hi ma' TM.

**12. IL-PROĊESS TAL-IMPJIEG IL-ĠDID**

12.1. Is-SE fakkar lill-Kunsill li hemm bżonn li jinħatar bord għall-intervisti. Kien hemm qbil li dan ikun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku Sciberras u l-Kunsillieri Bonello u Brincat. Is-SE jkun membru *ad hoc* skont kif tippermetti l-liġi.

**13. TALBIET MINN CAMILLERI CELLARS**

13.1. Is-SE informa li kien qed jerġa' jressaq żewġ talbiet minn Camilleri Cellars, waħda għal *limited timed-parking* u oħra għal *un/loading bay*. Kien hemm qbil li, kemm-il darba huma jistgħu jikkonfermaw li għandhom permess għall-fabbrika, il-Kunsill kien lest li jikkunsidra li jsir l-*un/loading bay* quddiemhom.

13.2. Ma ġietx aċċettata t-talba tagħhom tal-*limited timed-parking*.

13.3. Il-Kunsill ma approvax it-talba mressqa mill-Kunsillier Galea f'isem resident, sabiex isir monument għall-persuni li mietu bin-nar pirotekniku.

**14. KARNIVAL 2011**

14.1. Ġie kkonfermat li l-attività tal-Karnival għandha tinżamm nhar il-Ħadd 6 ta' Marzu 2011 fejn se jinżamm festin żgħir għat-tfal bħalma jsir is-soltu.

**15. TALBIET GĦAL INSTALLAZZJONI TA' DWAL TAT-TOROQ ĠODDA**

15.1. Is-SE għadda lista ta' talbiet għal dwal ġodda. Il-Kunsill approva din il-lista kif annessa f'F.

**16. AĠĠORNAMENT**

16.1. Il-Kunsillier Galea informa li kienu avviċinawh mill-Klinika San Giuseppe minħabba li għandhom xi spazju vojt li jista' jinkera biex jiġu organizzati xi attivitajiet magħhom.

Dawn jitolbu ħlas ta' €20 kull nofs ta' nhar. Il-Kunsill qabel li jikkonsidra din l-offerta jekk ikun hemm bżonn.

16.2. Il-Kunsillier Sammut talab li fil-ħarġa li jmiss tal-pubblikazzjoni tal-Kunsill, huwa jingħata paġna sabiex jagħmel rapport dwar l-attivitajiet li ħa ħsieb itella' matul is-sena. Il-Kunsill qabel.

16.3. Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:35pm.

16.4. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta l-1 ta' Marzu 2011 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

**Laqgħa mal-Arċipriet**

1. Il-laqgħa bdiet wara ftit li bdiet il-laqgħat tal-Kunsill.

2. Qabel bdiet il-laqgħa uffiċjalment sar it-tberik tal-post u saret talba f'daqqa.

3. L-Arċipriet propna li jkun hemm kollaborazzjoni soċjali bejn il-Knisja u l-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u informa lill-Arċipriet li lest jilqa' l-proposti tiegħu.

4. Huwa talab ukoll biex il-Kunsill jgħaddilu d-dati tal-attivitajiet soċjali ta' din is-sena minn kemm jista' jkun qabel minħabba l-programm tal-Knisja.

5. L-Arċipriet issuġġerixxa li jkun hemm persuna li tkun *liaison* bejn il-Knisja u l-Kunsill sabiex ikun hemm kollaborazzjoni akbar fir-rigward tal-festa titulari. Kien hemm qbil li din il-persuna għandha tkun il-Kunsillier responsabbli mill-għaqdiet, is-Sur David Bonello.

6. Kien hemm qbil li ż-żbir tas-siġar jibda kmieni aktar u possibbilment ikun lest sal-1 ta' Awwissu ta' kull sena minħabba l-armar tal-festa.

7. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra t-talba tal-Kumitat tal-Festa biex ma jkunx hemm tpoġġija ta' kjosks fit-triq tal-purċissjoni. Fil-pjazza ġie ssuġġerit li jkun hemm biss tpoġġija ta' kjosks tradizzjonali tal-qubbajd u dawn m'għandhomx ikunu poġġuti quddiem l-armar tal-festa.

8. L-Arċipriet għamel enfasi wkoll fuq l-armar ta' mwejjed fit-triq u l-bejgħ tal-ikel waqt li tkun għaddeja l-purċissjoni. Hawnhekk is-SE informa li wara li kien sar dan is-suġġeriment mill-istess Kumitat tal-Festa xi snin ilu, il-Kunsill dejjem ħa ħsieb li joħroġ il-permessi bil-kundizzjoni li l-imwejjed tal-ħwienet tal-ikel għandhom jitpoġġew fuq it-triq wara li tkun għaddiet il-purċissjoni u mhux qabel. Din il-kundizzjoni kienet tapplika wkoll għal dawk il-kjosks li jkunu pparkjati fir-rotta tal-purċissjoni. L-Arċipriet informa li l-ħwienet tal-ikel kienu qed jobdu din il-kundizzjoni però tal-kjosks le. Għall-mistoqsija tas-SE jekk jistax isir parkeġġ ta' kjosks wara t-terminus l-Arċipriet qal li jkun aħjar jekk ma jingħatawx. Hawnhekk is-SE talab lill-Arċipriet biex jitlob lill-Kumitat tal-Festa biex jikteb lill-Kunsill u jinkludi pjanta fejn qed jissuġġerixxi li jsir il-parkeġġ tal-kjosks.

